# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-2 ta’ Ottubru 2008

## li taħtar membru Bulgaru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2008/775/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2007/3/KE, Euratom [1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Bulgaru,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

BILLI sar vakanti post ta’ membru tal-Kumitat Ekonimku u Soċjali Ewropew wara r-riżenja tas-Sinjura Andriana SUKOVA-TOSHEVA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Lena ROUSSENOVA, Ekonomist Prinċipali u Direttur tal-Programmi, Konfederazzjoni tal-Industrijalisti u ta’ Min Iħaddem fil-Bulgarija hija b’dan maħtura membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sa l-20 ta’ Settembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta’ l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, 2 ta’ Ottubru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

X. BERTRAND

(1) ĠU L 1, 4.1.2007, p. 6.